SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 2909

Illum it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fil-5.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2809 li saret nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009 ġew moqrija u approvati kif emendati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Proposta ta' Tea Room fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proposta ta' *Tea Room* fi Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li l-perit Alfred Grech kellu jlesti applikazzjoni għal *change of architect* biex il-każ jibda jiġi segwit mill-Med Design. Huwa qal li nbidel ukoll il-*case officer* ta' din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li ser jerġa' jsir kuntatt mal-perit Grech f'dan ir-rigward.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-26 ta' Mejju 2009 u t-22 ta' Ġunju 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0828/09/O – Mediterranean Insurance Brokers – *Insurance Services*
- 0827/09/O – Żejtun Local Council – Proġett *Leader*
- 0786/09/O – Santa Luċija Football Club – *Football Ground*
- 0810/09/O – Direttur Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kuntratt Ġbir ta' Skart

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 742/09/I – Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita – Persuni b'Diżabilita fi Pjazza Dorell
- 750/09/I – Patrijiet Agostinjani – Premju San Nikola minn Tolentino
- 765/09/I – Ittra minn residenta – Is-Servizz ta' Ġbir ta' Skart

- 768/09/I – Mepa – *Urban Improvement Fund*
- 772/09/I – Ittra minn resident – Is-Servizz ta' Ġbir ta' Skart
- 803/09/I – Ittra minn residenta – Is-Servizz ta' Ġbir ta' Skart
- 809/09/I – Kappillan Parroċċa San Piju X – Lejla Sajfija
- 829/09/I – GRTU – Offerta għal Ġbir ta' Skart
- 861/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja
- 871/09/I – Awtorita' tad-Djar – Għargħar ħdejn Blokk I u II fi Triq il-Ġnien
- 872/09/I – Ittra minn resident – Inċident quddiem *Flats* Indipendenza.
- 875/09/I – Santa Luċija Football Nursery – *Tournament* Jum Santa Luċija

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- **SLLC *Memo* 10/2009** – *Football Ground*
- **SLLC *Memo* 11/2009** – *Bye-Laws* Ġnien is-Serentia' u *major patching* fil-ħruġ għal fuq Xintill *Roundabout*
- **SLLC *Memo* 12/2009** – Sparar tal-Festa

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 742/09/I is-Sindku nforma lil Kunsill dwar it-tweġiba tal-KNDP għat-talba li kien għamel il-Kunsill biex issir tabella bil-ħinijiet fejn waħda mir-*reserved parking* li hemm fi Pjazza Dorell. Il-Kunsill baqa' jsostni li waħda minn dawn ir-*reserved parkings* mhux qed tintuża u għaldaqstant fuq suġġeriment ta' l-istess KNDP din l-istess proposta ser tintbagħt lill-Awtorita' Dwar it-Trasport.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 750/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar "Premju San Nikola" li jingħata lil persuni minn 15-il sena 'l fuq li jagħtu xi tip t'għajnuna lil min hu fil-bżonn.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 768/09/I saret referenza għall-*Urban Improvement Fund* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont li huwn ntitolat għalih il-Kunsill ta' Santa Luċija huwa ta' €943.40. Il-Kunsill qabel li juża dawn il-fondi biex jinxtraw imwejjed u bankijiet għal *Picnic Area*.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 809/09/I il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kappillan biex jgħin fl-organizzazzjoni tal-Lejla Sajfija li ser issir fit-18 ta' Lulju 2009. Il-Kunsill qabel li jipprovdi *bins* u *mobile toilets* għal din l-attivita'.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numri 765/09/I, 772/09/I, 803/09/I u 872/09/I il-Kunsill iddiskuta xi lmenti u suġġerimenti dwar is-servizz ta' Ġbir ta' Skart li qed jiġi offrut bħalissa permezz tas-servizz t' emerġenza. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill qabel li fi:

- Trejqet Garnaw il-kuntrattur għandu jintalab jagħmel *wheely bin* għall-użu taż-żewġ residenzi f'din it-trejqa,
- Triq il-Prinjoli, Triq il-Lellux u Triq Dun M. Mifsud il-kaxxa miżbuha ħadra għandha tibqa' tiela sa fuq il-bankina,
- Pjazza Dorell il-kaxxa l-ħadra għandha titneħħa billi tinżebaħ ħamra bħal bankina u ssir kaxxa ħadra oħra bejn Triq il-Gardenja u Triq il-Ġjaċinti.

Il-Kunsill qabel li s-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku jiġi estiż ukoll għal nhar ta' Tlieta fejn s'issa kienu qed jinġabru biss boroż griżi bi skart separat. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħareġ avviż f'dan ir-rigward u kopja tiegħu għandha titqassam f'kull residenza.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 829/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill li fuq talba tad-Dipartiment għal Gvern Lokali, il-Kunsill kellu jirtira s-sejħa għall-offerti li ħareġ għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku. Huwa qal li l-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-GRTU kienet bagħtet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmatu li d-dokument ta' l-offerti kien fih xi nuqqasijiet. Huwa qal li d-

Dipartiment qed iħejji sabiex issir sezzjoni ta' informazzjoni dwar id-dokument ta' l-offerti. Is-Sindku qal ukoll li għalissa l-Kunsill ser ikompli bis-servizz ta' emerġenza sakemm ikun jista' joħroġ sejħa oħra.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 871/09/I is-Sindku qara ittra mill-Perit Felix Sciberras ta' l-Awtorita' tad-Djar dwar il-problema ta' l-għargħar li hemm bejn Blokk I u II fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li fit-tweġiba tiegħu jinforma l-Perit Sciberras li jaqbel li hemm bżonn ta' xogħolijiet sostanzjali fl-infrastruttura ta' l-inħawi biex l-ilmijiet tax-xita jiskulaw aktar malajr, iżda dawn il-proġetti ma jaqgħux taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill iżda huma responsabilita' ta' l-awtorita' responsabbli mit-toroq. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li l-*lift* li ġie nstallat fi Blokk II m'huwiex ta' l-istess kwalita' tal-*lift* li sar fi Blokk 12. Huwa qal li fi Blokk 12 ma saritx dik il-gwardarobba kbira f'nofs it-taraġ kif sar fi Blokk II iżda sar biss *panel* żgħir u pulit. Għandha tintbagħt kopja tat-tweġiba tal-Kunsill lil Ministru Austin Gatt.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 861/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar *e-mail* li waslet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser titnaqqas is-somma ta' €450 mill-allokazzjoni peress li xiri ta' *fax machines* li kienu nxtraw għal Kunsilliera fis-sena 2000 ma kienx sar skond il-liġi. Is-Sindku qal li dan mhux aċċettabli. Huwa qal li disa' snin ilu l-Kunsill kien għamel dan il-pass biex ikun aktar effiċjenti fil-mezz ta' komunikazzjoni mal-Kunsilliera u kien pijunier ta' dak li qed tgħid il-liġi llum f'dan ir-rigward. Huwa kien ser ikellem lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 875/09/I il-Kunsill approva l-ispiża ta' €385 għal xiri ta' *trophies* tat-*tournament* li qed isir mill-*Football Nursery* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Town Twinning Project*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Muniċipalita' ta' Lumpiaque ser tapplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea għal proġett bl-isem ta' "*Women Participation in the Political Life*". Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa bħala *partner* fuq dan il-proġett.

### 4.2 *Patt tas-Sindki*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-Patt tas-Sindku li ser jiġi ffirmat u li bih il-Kunsill ikun impenjat li jaħdem fuq proġetti favur l-użu aħjar ta' l-enerġija. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

### 4.3 *Santa Luċija Vintage Car Show*

Is-Sindku rrefera għal din l-attivita' li ser tittella' fi Ġnien is-Serenita' bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Santa Luċija. Huwa nforma l-Kunsill bid-dettalji kollha u elenka l-ispejjeż involuti biex tittella din l-attivita'.

### 4.4 *Proposta ta' bini ta' garaxxijiet*

Is-Sindku kellem lil Kunsill dwar proġett ta' bini ta' garaxxijiet fil-*parking area* li tmiss mal-Każin tal-Partit Nazzjonalista f'Dawret it-Torri. Huwa ppropona li jsiru garaxxijiet fid-dislivell eżistenti u l-*parking area* tiġi fuq dawn il-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-perit tal-Kunsill għandu jiġi nkarigat iħejji pjanta ta' dan il-proġett.

### 4.5 *Kiri tas-Sala tal-Parroċċa għas-sena 2009*

Il-Kunsill qabel li titħallas is-somma ta' €500 għall-użu tas-Sala tal-Kappillan għall-attivitajiet tal-Kunsill. Fost dawn kien hemm il-konferenza ta' tlett ijiem li saret f'April, il-Laqgħa tal-Lokalita', attivitajiet għall-anzjani etċ.

### 4.6 *Bye-Laws Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.3 tal-laqgħa tal-Kunsill numru 2709 li saret fil-25 ta' April 2009 fejn il-Kunsill kien iddiskuta l-proposti li kien irċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Huwa qal li fl-aħħar emenda li saret il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tad-Dipartiment, li l-użu tal-Ġnien għall-attivitajiet kummerċjali tinżel minn €2000 għal €1000. Is-Sindku nforma l-Kunsill li f' *e-mail* li ntbagħtet mid-Dipartiment fid-29 ta' Mejju 2009, jidher li l-ammont propost mid-dipartiment għal istess attivita' hawn fuq imsemmija issa huwa ta' €1500. Huwa rrakomanda li l-Kunsill biex jaċċetta din il-proposta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV2591 sa numru BOV2669 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Mejju CM29 (01-02-03).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 2809.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Mejju 2009 Ammont *Gross* €4528.20

### 5.3. *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (ADSL 20/06/09-19/07/09) | €13.86 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta' Mob.pers.-Mejju 09) | €35.17 |
| Joe Bonello(Kunsillier) | (Użu ta' Mob.pers.-Mejju 09) | €32.00 |

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Public Cleansing Dept. | PC 57 | Serv.May09 | 507.73 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Mayor May09 | 177.22 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM E/S May 09 | 73.91 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX May09 | 78.89 |
| Ronald Bezzina | SS57/09/06 | Serv.May 09 | 1131.53 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.May 09 | 2061.50 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8855 | 77.80 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8853 | 36.88 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8868 | 28.68 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8851 | 131.19 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 7918 | 28.50 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8860 | 14.37 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8852 | 93.87 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8854 | 47.77 |

## 6. FOUTH QUARTERLY REPORT U AUDIT ADJUSTMENTS

Għal din il-laqgħa kien preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill is-Sur Patrick Caruana li ta spjegazzjoni dwar l-*Audit Adjustments* li għamel l-Awditur għas-sena finanzjarja 2008-2009. Huwa qal li l-aktar *issue* sinjifikanti f'dawn l-*adjustments* kienet dik tal-*post pooling debtors.* Huwa qal li teknikament dawn id-*debtors* huma tal-Kunsill, l-aktar peress li fil-*pooling system* tal-Kumitat Konġunt li jagħmel parti minnu l-Kunsill ta' Santa Luċija, kull Kunsill għandu *account* għalih. Huwa qal li madanakollu, l-Awditur ma qabilx li dawn għandhom jiġu *accounted for* fil-*financial statements* tal-Kunsill. Huwa qal li għalkemm li fis-sena finanzjarja li għaddiet il-Kunsill nefaq aktar milli daħħal peress li saru ħafna xogħolijiet fuq manutenzjoni ta' toroq u bankini, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija waħda pożittiva kif jidher fil-*Balance Sheet* ta' l-istess rapport finanzjarju.

Is-Sindku qal li l-Kunsill japprova dawn l-*audit adjustments* għax dejjem ried li jkollu stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja.

## 7. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' li kienet saret nhar is-Sibt, 16 ta' Mejju 2009.

## 8. PROPOSTA GĦAL LATRINA PUBBLIKA FIL-*PLAYING FIELD AREA*

Il-Kunsill iddiskuta pjanta li ħejja l-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-latrina pubblika fil-*playing field area.* Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan il-proġett u qabel li għandhom jibdew il-proċeduri biex issir applikazzjoni għal permess tal-Mepa għal dan l-iżvilupp.

## 9. PROPOSTA GREEN MT

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta li qed tagħmel il-kumpanija Green Mt fir-rigward ta' skart ta' l-ippakeġġjar u anke skart t'affarijiet elettriċi u elettroniċi. Il-Kunsilliera Caroline Galea saħqet fuq l-importanza li l-Kunsill jagħżel bir-reqqa s-siti li fihom ser jitpoġġew il-*bring-in-sites* li minnhom jista' jkun hemm sa massimu ta' tlieta. Il-Kunsill qabel li jilqa' din il-proposta.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

### 10.1 *Five-a-Side Football Pitch*

Il-Kunsill qabel li ssir xibka ħadra li ssaqqaf il-5-*a-side football pitch* biex tilqa' s-sħana tax-xemx l-aktar meta l-logħob isir matul il-ġurnata.

### 10.2 *Manutenzjoni tal-Jogging Track*

Is-Sindku qara *e-mail* minn resident fi Triq il-Prinjoli li kiteb dwar il-bżonn ta' manutenzjoni fil-*Jogging Track* u tħawwil t'aktar siġar fuq in-naħa tat-Triq tal-Barrani. Huwa qal li x-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-*Jogging Track* ser isir mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u suppost ilu li beda. Is-Sindku kompla jgħid li mill-aħħar informazzjoni li għandu jidher li x-xogħol ser jibda fl-aħħar ta' Lulju 2009.

### 10.3 Talba għall-għajnuna finanzjarja

Saret referenza għat-talba għal għajnuna finanzjarja li saret minn residenti biex ikun jista' jipparteċipa f' Maratona barra minn Malta. Dan ir-resident għandu jiġi nfurmat li skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill jista' jagħmel donazzjoni lil xi organizzazzjoni stabbilita' fil-lokalita'.

### 10.4 Suġġerimenti

- Il-Kunsill iddiskuta dwar xi suġġerimenti u lmenti li tresqu waqt din il-laqgħa u qabel fuq dan li ġej:
- Jintalab permess mill-ADT biex isiru tlett *rubber humps* fi Triq Katerina Vitale u *reserved parking* għal *blue sticker holder* fi Vjal l-Oleander quddiem il-Klabb tal-Boċċi.
- Isiru żewġ *bollards* fi Triq iż-Żinja biex il-karozzi ma jibqgħux telgħin minn fuq il-bankina.
- Isir kuntatt mal-Malta Tourism Authority dwar il-possibilita' li ssir *Tourist Map and Information leaflet* dwar il-lokalita' ta' Santa Luċija.

**TMIEM / AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2009 fis-7.15 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati illum** Il-Ħamis,
30 **ta'** Lulju **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**